MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2013

Citazzjoni Numru. 566/2013

**Calcidon Calleja,** (K.I.Nru 341942M) f'ismhu proprju u kif ukoll bhala mandatarju ta' **Michael Calleja,** (K.I.Nru 521849M) **u Josephine Azzopardi,** (K.I.Nru 483943M) residenti l-Ingilterra, **John Calleja,** (K.I.Nru 112645M), **Carmen Pace,** (K.I.Nru 650737M), **Maria Formosa,** (K.I.Nru 195051M), **u Grace Micallef,** (K.I.Nru 897354M), f'isimha proprju u kif ukoll bhala mandatarju ta' **Anthony Calleja,** (K.I.Nru 700847M), **u Nelli Lee,** (K.I.Nru 9757M), residenti l-Kanada

**Joseph Micallef**, (K.I.Nru 590745M), **Richard Micallef**, (K.I.Nru 368653M), **Spiridione Micallef**, (K.I.Nru 793354M), **George Micallef**, (K.I.Nru 286156M), **Maria Dolores Mercieca**, (K.I.Nru 366147M), **Agnes Micallef**, (K.I.Nru 97460M), f'isimha proprju u kif ukoll bhala mandatarju ta' **Calcidon Micallef,** (Passaport Malti Nru 880645), u **Charles Micallef,** (Australian NSW Drivers License 2014353263), residenti l-Awstralja, u **Sylvana Micallef Borg,** (K.I.Nru16083M), u **Stefan Micallef**, (K.I.Nru 172189M), ahwa, ulied il-mejjet John Micallef

**Calcidon Bonavia**, (K.I.Nru 816052M), **Maria Bonavia**, (K.I.Nru 66747M), **Carmen Catania**, (K.I.Nru 380048M), **Emanuela Mallia**, (K.I.Nru 1015249M), **Josephine Cucciardi**, (K.I.Nru 649457M), **Calcidon Bilocca**, (K.I.Nru 604056M), f'ismhu proprju u kif ukoll nhala mandatarju ta' **Don Micallef**, (Passaport Awstraljan Nru L3159758), **Helen Lindsay,** (Passaport Awstraljan Nru L7388434), u **Lillian Mayerhans**, (Passaport Awstraljan Nru L8376877), lkoll resdienti l-Awstralja, **Joan Gauci**, (K.I.Nru 736659M), **Mary Abela,** (K.I.Nru 160462M), u **Georgina Azzopardi,** (K.I.Nru 316154M).

Vs

**Maria Cassar** (ID No. 39354M)

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fil-11 ta' Gunju 2013 l-atturi ppremettew u talbu:-

*(1) Illi l-intimata hija debitrici tar-rikorrenti fl-ammont globali ta'* ***erba` u hamsin elf u tnejn u sittin Euro u disa` u erbghin centezmu (€54,062.49)*** *jew somma ohra verjuri li tigi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti, rappresentanti in kwantu ghal :*

*(a) <u>tletin elf Euro</u> (€30,000), parti minn somma akbar ta' hamsin elf Euro (€50,000) wara li hallset akkont is-somma ta' ghoxrin elf Euro (€20,000) minnhom (**DOK A**), liema somma hija ammettiet u accettat li thallas bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudiukatura Kriminali tat-3 ta' Mejju 2012 (**DOK B**),*

*(b) <u>tlieta u ghoxrin elf, tlett mija u tnejn u sittin Euro u disa u erbghin centezmu</u> (€23,362.49) rappresentanti dividends illi l-intimata rceviet minn shares tal-Bank of Valletta Plc appartenenti lill-istess rikorrenti, f'Marzu 2008,*

*f'Settembru 2008, f'Marzu 2009, Settembru 2009, Marzu 2010, Settembru 2010, Marzu 2011 u Settembru 2012 (**DOK C**, **DOK D**, **DOK E**, **DOK F**), liema shares hija ttrasferiet lura lir-rikorrent wara illi zammithom f'isimha, ukoll kif mill-intimata stess promess permezz ta' skrittura tat-2 ta' Mejju 2012 (**DOK G**),*

*(c) seba` mitt Euro (€700) spejjes relattivi u dovuti mill-intimata lir-rikorrenti ukoll kif minnha promess fl-iskrittura tat-2 ta'Mejju 2012 (**DOK G**),*

*(2) Illi l-intimat giet diversi drabi debitament interpellata mir-rikorrenti sabiex thallas l-ammonti dovuti, izda minkejja diversi weghdiet u promessi ta' hlas (**DOK H**), hija baqghet inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

***Ghaldaqstant**, is-socjeta` rikorrenti qeghdha titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimata hija debitrici tar-rikorrenti fis-somma ta' **erba` u hamsin elf u tnejn u sittin Euro u disa` u erbghin centezmu (€54,062.49)**, kif hawn fuq deskritt u premess, jew somma ohra verjuri li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.*

*2. Tordna u tikkundanna lil-intimata sabiex thallas lir-rikorrenti s-somma msemmija ta' **erba` u hamsin elf u tnejn u sittin Euro u disa` u erbghin centezmu (€54,062.49)** jew dik is-somma ohra verjuri li tistabilixxi din l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjes kollha, inkluz dawk tal-Mandat ta' Sekwestru ppresentat kontestwalment, u bl-imghax skond il-ligi sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-intimata li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni, u bir-rizerva ghal kull azzjoni ohra li tista` tispetta lir-rikorrenti.*

Permezz ta' twegiba guramentata prezentata fis-17 ta' Lulju 2013 il-konvenuta wiegbet:-

1. L-atturi ghandhom jaghtu prova li ghandhom prokura ta' l-atturi assenti sabiex jipprocedu f'isimhom f'dawn il-proceduri.
2. It-talba 1(b) hi preskritta ai termini tal-Artikolu 2156(d) tal-Kodici Civili.
3. Dwar il-meritu l-ammont pretiz fil-premessa 1(b) hu kontestat ghaliex il-kontendenti kienu ffirmaw skrittura privata fejn qablu li l-ammont dovut ghas-saldu huwa ta' €50,000 u €700. Minn dawn thallsu €20,000 u fadal bilanc ta' €30,700.
4. Il-konvenuta obbligat ruhha li thallas l-ammont hawn fuq indikat u ilha li applikat ghas-self mill-Bank sabiex tkun tista' thallas minn qabel ma giet prezentata l-kawza.
Il-qorti semghet il-provi, rat l-atti u semghet lid-difensuri.

B'riferenza ghall-ewwel eccezzjoni l-atturi pprezentaw id-dokumenti relattivi permezz ta' nota tal-20 ta' Awwissu 2013. Jidher ghalhekk li l-ewwel eccezzjoni hi ezawrita.

Jirrizulta li dwar l-ammonti li jissemmew fil-premessi tal-paragrafu 1(a) u (c) m'hemmx kontestazzjoni. Fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2013 il-konvenuta kkonfermat li kienet ser thallas is-somma ta' tletin elf u seba' mitt ewro (€30,700) sa zmien xahrejn. Fis-seduta tal-lum gie kkonfermat li sar pagament ta' ghoxrin elf ewro (€20,000) permezz ta' cekk. Ghalhekk fadal bilanc ta' ghaxart elef u seba' mitt ewro (€10,700) li l-konvenuta ddikjarat li ma kenitx f'posizzjoni finanzjarja li thallas minnufih.

Ghal dak li jirrigwarda l-premessa 1(c), l-oggezzjona tal-konvenuta hi bazata fuq:-

i. il-preskrizzjoni (Artikolu 2156(d) tal-Kodici Civili);
ii. l-iskrittura li ffirmaw il-partijiet fit-2 ta' Mejju 2012;

L-atturi qeghdin jitolbu wkoll il-hlas lura ta' tlieta u ghoxrin elf tlett mija u tnejn u sittin ewro u disa' u erbghin centezmu (€23,362.49) li jirraprezenta d-dividends li thallsu lill-konvenuta mill-ishma fil-Bank of Valletta plc ghall-perjodu mis-sena 2008 sal-2012.

Ghal dak li jikkoncerna l-preskrizzjoni jinghad li:-

i. Mid-deposizzjoni ta' Christine Formosa, segretarja tal-kumpannija Bank of Valletta plc, id-dividend beda jithallas minn Mejju 2008;
ii. Fil-11 ta' Gunju 2013 l-atturi pprezentaw il-kawza. Ghalhekk il-preskrizzjoni skond l-Artikolu 2156(d) tal-Kodici Civili, jekk tapplika, tapplika biss fir-rigward tal-pagament li sar f'Mejju 2008 fl-ammont ta' €4,365.50 (ara fol. 9).

Fil-fehma tal-Qorti l-preskrizzjoni kontemplata fl-Artikolu 2156(d) ma tapplikax peress li:-

a) l-azzjoni li pproponew l-atturi hi bazata fuq flus li kienu taghhom u li l-konvenuta ghamlet uzu minnhom fl-interess personali taghha. Bhala fiducjarja ghandha obbligu li trodd lura mhux biss il-kapital izda wkoll il-frott provenjenti minn tali kapital (Artikolu 1124(a)(4) u (6) tal-Kodici Civili. Il-qorti ma tarax li l-ammont li qieghed jintalab jikkwalifika bhala l-kreditu li jissemma fl-imsemmi provvediment. Il-kaz in ezami hu wiehed fejn persuna dawwret bi profitt ghaliha flus ta' haddiehor.
b) fl-ittri legali datati 26 ta' Ottubru 2012, 20 ta' Novembru 2012, 10 ta' Dicembru 2012 u 6 ta' Frar 2013 hemm dikjarazzjoni cara u inekwivoka li l-konvenuta ser thallas dak l-ammont kollu li jista' jkun dovut minnha. Hekk per ezempju fl-ittra tal-20 ta' Novembru 2012 jinghad: *"my client will endeavour to pay the full amount…."*. Hekk ukoll fl-ittra tal-10 ta' Dicembru 2012 jinghad li l-konvenuta behsiebha thallas dak kollu li hu dovut minnha.
c) Fi-skrittura datata 2 ta' Mejju 2012 jinghad espressament li kellhom jithallsu d-dividends relattivi ghall-ishma tal-Bank of Valletta plc[1]. Obbligazzjoni li fiha nnifisha tfisser rikonoxximent tal-kreditu favur l-attur. F'dak l-istadju sehhet interruzzjoni gialadarba li sat-2 ta' Mejju 2012 kienu ghaddhom m'ghaddewx il-hames snin kontemplati fl-Artikolu 2156(d) tal-Kodici Civili.

[1] *"Jibqa' spiza ta' madwar seba' mitt Ewro (€700) u d-dividends relattivi ghas-shares imsemmija li ser jithallsu mill-komparenti Cassar."* (fol. 13).

Fil-meritu fl-iskrittura tat-2 ta' Mejju 2012 tipprovdi espressament dwar hlas ta' dividends li l-konvenuta obbligat ruhha li thallas. Ghalhekk it-tielet eccezzjoni hi bla bazi.

Ghal dak li jikkoncerna l-hames eccezzjoni, l-ispejjez trid taghmel tajjeb ghalihom il-konvenuta. Kien 'il fatt li ma wettqitx l-obbligu tal-hlas li wassal ghal dawn il-proceduri. Ghalkemm fir-raba' eccezzjoni, li fir-realta' m'hijiex eccezzjoni izda dikjarazzjoni, qalet li applikat ma' bank sabiex tinghata self, jekk hu veru dan ma jista' jkollha l-ebda effett fuq il-mod kif tigi deciza l-kawza.

**Ghal dawn il-motivi tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1. Tiddikjara ezawrita l-ewwel eccezzjoni.**
**2. Tichad it-tieni eccezzjoni.**
**3. Tichad it-tielet eccezzjoni.**
**4. Dwar ir-raba' eccezzjoni tiddikjara li m'hemmx x'jigi deciz.**
**5. Tichad il-hames eccezzjoni.**
**6. Tilqa' t-talbiet atturi pero' fis-sens li:-**

**(a) Tiddikjara li l-konvenuta hi debitrici tal-atturi fis-somma ta' erba' u tletin elf u tnejn u sittin ewro u disa' u erbghin centezmu (€34,062.49);**
**(b) Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' erba' u tletin elf u tnejn u sittin ewro u disa' u erbghin centezmu (€34,062.49)**[2].

**Spejjez huma a karigu tal-konvenuti u bl-imghax mis-27 ta' Gunju 2013, cjoe' d-data tan-notifika tar-rikors guramentat.**

[2] Ghal kull buon fini u a skans ta' kull ekwivoku l-qorti qeghda tikkonferma li l-attrici hi debitrici wkoll tas-somma ta' ghoxrin elf ewro (€20,000) ohra, fir-rigward ta' liema llum id-difensur ta' cekk lid-difensur tal-atturi u li ghalhekk ghad irid jissarraf. Ladarba jissarraf ic-cekk din is-somma ma tkunx ghadha dovuta. Peress li c-cekk kien ghadu ma ssarrafx il-qorti kienet tal-fehma li ghandha ssir tali kjarifika.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------